MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Numru 909/2002

**Artikoli 41, 49, 50, 261, 263, 264, 279, 280, 334 u 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**
v

**PATRICK MANGION**

**Seduta ta' llum, 3 ta' Frar, 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PATRICK MANGION** ta' disgha w ghoxrin sena bin Anthony u Joan nee Camilleri, imwieled Hal Qormi nhar t-tletin ta' Jannar, 1973 u joqghod Block 1, Flat 7, Triq d-Deheb Fin, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-

identita` numru 68773M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fis-sitta ta' Ottubru, 2002 ghall-habta tad-disgha w nofs ta' filghodu fil-Qawra, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe dak ta' serq mill-istabbiliment Ta' Cassia, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-mezz u l-valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-detriment ta' Emanuel Attard mis-Swieqi.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta ta' haddiehor.

Talli fl-ghaxra ta' Ottubru, 2002 ghall-habta ta' nofsinhar nieqes kwart f'Hal Qormi, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-detriment ta' Raymond Abela minn Hal Qormi liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin.

Talli fl-ghaxra ta' Ottubru, 2002 u fil-granet ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom.

Talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati disgha ta' Dicembru, 1997 u hmistax ta' Lulju, 1998 liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha w ghoxrin ta’ Ottubru, 2002 esebit fl-atti u mmarkat dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar il-wiehed u tletin ta' Ottubru, 2002.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli Artikoli 41, 49, 50, 261, 263, 264, 279, 280, 334 u 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata quddiem l-avukat difensur tieghu waqt s-seduta ta' llum t-tlieta ta' Frar, 2003.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tlieta ta' Frar, 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` illi l-imputat ikkolobora bis-shih mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha, illi l-ammont tas-serqa li sofra Raymond Abela kien ta' mija u tletin lira maltin u in effetti sas-seduta ta' llum, t-tlieta ta' Frar 2003 Raymond Abela kien ghad baqghalu jiehu biss ghaxar liri maltin minghand l-imputat.

Rat li l-hsarat kogjonati fil-fond Ta' Cassia kienu *de minimis* kif fil-fatt stqarr Emanuel Attard fix-xhieda tieghu.

Il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-Psikjatra Doctor Joseph Spiteri nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 2003 minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu problema ta' konsum u tehid ta' droga kif wkoll storja relatata ma *overdosing* fuq sustanzi illeciti. Illi l-imputat kien jattendi d-Detox Centre u huwa pazjent ta' Mount Carmel Hospital u li fil-fehma tieghu ghandu jinghata kura li tindirizza din il-problema.

**In vista ta' dawn c-cirkostanzi kollha l-Qorti thoss li ghandha tinzel inqas mill-minimu stabbilit mil-ligi**

**bhala piena u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat PATRICK MANGION hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, qed tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sitt xhur b'dan li z-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz ma jigix imnaqqas mill-piena inflitta fuqu b'din s-sentenza.**

**Il-Qorti wkoll in vista tax-xhieda moghtija mill-Psikjatra Doctor Joseph Spiteri, taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jghin lil imputat jindirizza din il-problema tant akuta tieghu possibilment sabiex iressaq lil imputat quddiem l-Bord tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jibda programm ta' disintossifikazzjoni.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------